MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Numru 1160/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**versus**

**Josef Darmanin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Josef Darmanin ta' 25 sena iben John u Angela nee' Gravina mwieled Pieta tal-25 ta' Lulju 1984, residenti 242 'Mummy' Triq Haz Zabbar, Fgura, ID 364384M.

Akkuzat talli bejn Lulju 2009 u Ottubru 2009 gewwa l-Isla, l-Fgura u gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni

wahda, seraq minn gewwa r-residenza 171 Triq San Guzepp Isla u liema serq sar ghad-dannu ta' Romina Fabri u John Fabri, u liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez l-2329.37 Euro, bil-lok u bil-persuna.

Akkuzat ukoll talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet lill-imputat jammetti  l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh, liema ammissjoni  huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha.

Ghaldaqstant l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 49 u 50, 261 (c) (e) (d), 267, 268 (a), 269(a), 279(b), 280(1) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh.

Dwar il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat kkopera mal-pulizija, hallas 560 Euro lura, u li ammetta mill-ewwel. Min-naha l-ohra ghalkemm l-imputat wera x-xewqa li jhallas dak li seraq, madankollu l-Qorti ma tistax tinjora l-fatti u l-imputat ma jahdimx kif wkoll li l-ammont misruq mhux zghir.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal tmintax-il xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------